

- 2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, il-prinċipju ta' newtralità u l-Artikolu 90 tad-Direttiva 2006/112/KE jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik li tirriżulta mill-Artikolu 78(11) tal-Código do Imposto sobre o Valor Acrescentado, interpretata fis-sens li, fil-każijiet ta' nuqqas ta' ħlas, it-taxxa ma tistax tiġi aġġustata meta l-komunikazzjoni tal-annullament tat-taxxa lix-xerrej tal-oġġett jew tas-servizz, li jkun il-persuna taxxabbli, ma ssirx qabel tmiem it-terminu previst għat-tnaqqis tat-taxxa skont l-Artikolu 98(2) tal-Código do Imposto sobre o Valor Acrescentado?

(¹) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-30 ta' Novembru 2017 –
Ministero della Salute vs Hannes Preindl**

(Kawża C-675/17)

(2018/C 052/33)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Ministero della Salute

Konvenut: Hannes Preindl

Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 21, 22 u 24 tad-Direttiva [2005/36/KE] (¹) jimponu fuq Stat Membru, fejn hemm l-obbligu ta' taħriġ full-time u l-projbizzjoni korrelativa ta' reġistrazzjoni simultanja għal żewġ korsijiet universitarji, ir-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki li minflok ikunu nkisbu fl-Istat Membru ta' oriġini b'mod simultanju jew f'perijodi parzjalment sovrapposti?
- 2) F'każ ta' risposta affermattiva, l-Artikolu 22(a) u l-Artikolu 21 tad-Direttiva jistgħu jiġu interpretati fis-sens li l-awtorità tal-Istat Membru li mingħandha huwa mitlub ir-rikonoxximent għandha madankollu d-dritt li tivverifika l-kundizzjoni li t-tul totali, il-livell u l-kwalità ta' dan it-taħriġ ma jkunux inferjuri għal dawk tat-taħriġ kontinwu full-time?

(¹) Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, p. 22).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal de Justiça (il-Portugall) fis-
6 ta' Diċembru 2017 – Cofemel – Sociedade de Vestuário SA vs G-Star Raw CV**

(Kawża C-683/17)

(2018/C 052/34)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Supremo Tribunal de Justiça

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Cofemel – Sociedade de Vestuário SA

Konvenuta: G-Star Raw CV

Domandi preliminari

- 1) L-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/29/KE ⁽¹⁾ tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, f'dan il-każ, regola li tirriżulta mill-Artikolu 2(1)(i) tal-Código de Direitos de Autor e Direitos Conexos (il-Kodiċi tad-Drittijiet tal-Awtur u Drittijiet Konnessi, iktar 'il quddiem iċ-“CDADC”) – li tagħti protezzjoni tal-copyright lil xogħlijiet ta' arti applikata, disinni industrijali jew lil xogħolijiet ta' design li, lil hinn mill-għan utilitarju li jservu, jgħolqu effett viżiv proprju u distintiv mill-perspettiva estetika, fejn l-oriġinalità tagħhom hija kriterju ċentrali għall-għoti ta' protezzjoni, fl-ambitu tad-drittijiet tal-awtur?
- 2) L-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/29/KE tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, f'dan il-każ, regola li tirriżulta mill-Artikolu 2(1)(i) taċ-CDADC – li tagħti protezzjoni tal-copyright lil xogħlijiet ta' arti applikata, disinni industrijali jew lil xogħolijiet ta' design jekk, fid-dawl ta' evalwazzjoni partikolarment eżiġenti fir-rigward tan-natura artistika tagħhom, u fid-dawl tal-ideat dominanti fiċ-ċirkoli kulturali u istituzzjonali, jixirqilhom li jiġu kklassifikati bħala “ħolqien artistiku” jew “xogħol ta' arti”?

⁽¹⁾ Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).